MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2001

It-Tribunal

Ra r-rikors tar-rikorrent John P. Lanzon li jghid hekk:

"Illi l-esponent ressaq l-ilment tieghu quddiem din l-Onorabbli Tribunal peremezz ta' rikors sabiex jigi investigat ingustizzja mill-intimat fil-konfront tar-rikorrent, u dan ai termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi bazikament l-ilment kien li l-esponent kien diga mahtur Head I (Grade 4) fis-Servizz Civili u wara tmintax -il sena minkejja li huwa kien u ghadu sal-lum l-ewwel fl-Istaff List tal-ufficjali fi Grad 4, (u dan sakemm kienu ghaddejjin dawn il-proceduri peress li llum l-esponent huwa rtirat) huwa qatt ma' tawh l-kariga ta' Direttur jew Direttur Generali skond ir-riforma li saret fis-Servizz Civili fl-1993. Il-parti l-kbira ta' ufficjal tal-Gvern li hadu promozzjoni ta'

Diretturi, Diretturi Generali u f'certu kazi anke ta' Segretarji Permanenti kienu juniors tieghu. Kien hemm sahansitra minn kien ufficjali fi Grad 5, igifieri Grad anqas minnu, li dawn qabzuh u saru Diretturi, jew Diretturi Generali jew Segretarju Permanenti, fejn ta' dan kollu huwa qatt ma nghata spjegazzjoni minkejja li l-protesta kemm mas-Segretarju Amministrattiv kif ukoll mas-Segretarju Permanenti is-Sur Joe Grima.

Illi ghalhekk huwa sofra ingustizzja fl-ghoti ta' din il-promozzjoni u gie mtellef l-opportunita li javanza fil-karriera tieghu mill-1993 l'hawn, u b'hekk sofra danni finanzjarji kbar u morali.

Illi ghalhekk l-esponent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jinghata l-promozzjoni li gie imcahhad minnha, jew jekk dan mhux possibli, jinghata kumpens finanzjarju ta' mhux anqas minn Lm5,000 lira Maltin.

Illi dan l-Onorabbli Tribunal ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-esponent u wkoll ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li dan ecepixxa:

1. Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kuntradittur ghal dan ir-rikors, stante li l-hatriet ta' Segretarju Permanenti jsiru mill-President tar-Repubblika, filwaqt li dawk ghal Kap ta' Dipartiment isiru mill-Prim Ministru.

2. Illi l-hatriet kollha ta' Segretarju Permanenti, u dawk ghal Kap ta' Dipartiment isiru fit-termini tal-Art 92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta liema Artiklu ma jipprovdix li tali hatriet ghandhom jinghataw skond l-anzjanita'.

3. Illi, ghalkemm l-anzjanita fost l-Ufficcjali Pubblici tinghata l-kunsiderazzjonijiet li jixirqilha, mhiex fost il-kriterji li fuqhom issir l-ghazla ta' Segretarju Permanenti u Kap ta' Dipartiment; u.

4. Illi meta saru l-hatriet ta’ Segretarji Permanenti u Kapijiet ta’ Dipartiment fl-okkazjonijiet elenkati mir-rikorrent dan ma nhassx li kien l-aktar ufficjal idoneju ghal xi wiehed mill-postijiet li riedu jimtlew.

Illi dan l-Onorabbli Tribunal wara li ra l-lista tax-xhieda prezentat mill-intimat u wara li ra l-atti kollha tal-kawza u sema x-xhieda bil-gurament u sema t-trattazzjoni fuq l-meritu ikkunsidra u ta’ d-decizjoni tieghu fl-4 ta’ April 2001 ddecieda billi laqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru billi skond din l-eccezzjoni gie allegat li s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghal dan ir-rikors, stante li hatriet ta’ Segretarju Permanenti jsiru mill-President tar-Repubblika, filwaqt li dawk ghal Kap isiru mill-Prim Ministru.

Illi matul is-smiegh ta’ dan ir-rikors quddiem dan l-Onorabbli Tribunal qatt u qatt ma giet trattata din l-eccezzjoni tant li nstemghu x-xhieda kollha fuq il-meritu kif jixhed l-istess process u dan kif konfermata mil-istess verbali ghas-seduti kollha li jinkludi dik ta’ 3 ta’ Gunju 1999, 2 ta’ Novembru 1999, 2 ta’ Marzu 2000, 2 ta’ Novembru 2000 u dik ta’ 4 ta’ April 2001 meta dik inhar inghatat s-sentenza.

Illi oltre dan sar apprezzament hazin tal-ligi u wkoll applikazzjoni hazina tal-ligi ghal dak li ghandu x’jaqsam r-rapprezentazzjoni guridika tal-gvern u dan kif imfisser ahjar fl-istess artikolu **181B** tal-Kap 12, u in partikolari fil-paragrafu (1) taghha li tghid “*the judicial representation of the Government in judicial acts and actions shall vest in the Head of the government Department in whose charge the matter in dispute falls*”, u illi bir-rispett kollu l-ewwel qorti (Tribunal) ghamel applikazzjoni hazina meta minghajr ma sema trattazzjoni fuq din l-eccezzjoni qabad u b’sorpriza hareg bid-decizjoni tieghu fuq din l-eccezzjoni fejn kontrarjament ghal persuna intimata li kienet l-wahda ezatta li kella twiegeb ghall-ingustizzja li twetqet fuq l-esponent, qal erronjament li “*inspegabilment ir-rikorrent*

*istitwixxa l-kawza kontra s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u mhux kontra ufficjali ohra*"

Illi ppropja kienet il-persuna intimata li kif jirrizulta mill-provi kienet dik il-persuna identifikata li wetqet dak li wassal ghall-ingustizzja imwetqa fil-konfront tar-rikorrent u mill-1993 per ezempju meta sar u ha l-grad 4 skond r-riforma fis-servizz civili, baqghet l-unika wahda (l-esponent) li ma nghatax anke l-**performance allowance.**

Illi ghal dawn ir-ragunijiet qedha tintalab ir-ritrattazzjoni ta' dan il-kaz u dan kif indikat fl-artikolu wkoll 811 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili u dan kif indikat fil-paragrafi **811 (C) u 811 (e)** b'referenza ghall-artikolu **181B** tal-Kap 12.

Ghaldaqstant filwaqt li jaghmel referenza ghall-atti kollha tar-rikors 611/97 u x-xhieda producibbli, l-esponent umilment jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jannulla d-decizzjoni moghtija fl-4 ta' April 2001 minn dan l-istess Tribunal fl-ismijiet premessi u a tenur ta' l-artikolu **820** ta' Kap **12** jghaddi biex jitratta l-kaz fuq il-meritu."

Ra r-risposta ta' l-intimat Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li tghid hekk:

"Illi in linea preliminari, peress illi ir-ritrattanti mar-rikors minnu pprezentat, ma pprezentax garanzija ghall-ispejjez ta' din ir-ritrattazzjoni, ir-ritrattazzjoni ghandha tigi ddikjarata dezerta.

Illi essenzjalment l-ewwel bazi ghat-talba ta' ritrattazzjoni hija li skond ir-rikorrent, l-ewwel Onorabbli Tribunal fil-kuntest tal-artikolu 811:e tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap 12, applika il-ligi hazin u dana b'referenza ghall-artikolu 181B:1 tal-istess Kap u dana specifikament ghall-kliem "Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."

Illi r-rikorrent mhuwiex korrett f'din l-asserzjoni u l-ewwel Tribunal iddecieda sew meta ma applikax dan l-artikolu propju ghaliex dan l-artikolu mhuwiex applikabbli ghall-fatti in kawza. L-ilment fir-rikors promotur numru 611/97, kien li meta saret ir-riforma fis-servizz civili fl-1993 "huwa biss ma inghatalux l-kariga ta' Direttur jew Direttur Generali jew Segretarju Permanenti." Dawn il-hatriet, li kif spjegat fis-sentenza u anke ecceppit fir-risposta tal-intimat u eventwalment mahlufa, isiru mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fil-kaz tas-Segretarju Permanenti, ikun hemm ukoll l-intervent tal-President, u dana kollu skond l-artikolu 92 : 3 u 4 tal-Kostituzzjoni.

Illi l-ewwel Tribunal, filwaqt li kkonoxxa l-applikabbilta' tal-Kap 12, ghall-prattika u procedura quddiemu, kif jistipula l-artikolu 15 tal-Att nru VIII tal-1997, l-att kostituttiv, jidher, illi ghal dak li jirrigwarda rapprezentanza gudizzjarja f'kawzi ghall-hatriet imsemmija, ibbaza ruhu, korrettement, fuq l-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni, u mhux fuq l-artikolu 181B tal-Kap 12. Dan l-ahhar artikolu huwa biss applikabbli, fejn l-ilment u l-materja in kwistjoni, minn natura taghhom, jaqghu taht xi dipartiment partikulari tal-Gvern, f'liema kaz, il-kawza trid tkun istitwita, kontra il-kap ta' dak id-dipartiment.

Illi fil-kaz odjern, il-figura tal-intimat 'Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru', mhijiex ekwivalenti jew b'xi mod sinonima mal-figura ta' kap ta' dipartiment tal-Gvern, u anzi huwa allaccjat ma rwol f'ministeru, kif fil-fatt huwa l-ufficcju tal-Prim Ministru. Il-funzjoni tieghu, hija dik li jikkoordina id-diversi dipartimenti f'xi ministeru partikulari, izda mhux li jkun kap immedjat ta' xi dipartiment specifiku kif miftiehem fl-artikolu 181B. Ghalhekk, ghall-fini ta' min hu il-veru legittimu kontradittur, l-imsemmi Segretarju Permanenti, bl-ebda mod ma jinkwadra ruhu f'dan l-artikolu, li ergo mhuwiex applikabbli.

Illi r-rikorrent, jipprova jsahhah l-asserzjoni tieghu, li t-Tribunal applika il-ligi hazin, billi jsemmi li t-Tribunal laqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, cioe' li mhuwiex il-legittimu kontradittur, minghajr ma din l-eccezzjoni giet trattata. Fir-

rejalta' din l-eccezzjoni u l-kumplament tar-risposta, giet konfermata bil-gurament mis-Sur Vince Piccinino a fol 35 tal-process, u qatt ma giet kontradetta, b'mod illi r-rikorrent kien gia' ben infurmat li l-kawza kellha tigi istitwita kontra haddiehor. Kien jispetta lir-rikorrent li jaghmel il-verifiki legali tieghu, u jitlob korrezzjoni, kif semma' it-Tribunal, jew li jikkjama fil-kawza, il-persuna li trid il-ligi.

Illi tali eccezzjoni mahlufa tibqa' dejjem a konsiderazzjoni tal-gudikant, aktar u aktar meta ma gietx kontradetta, u dana irrispettivament jekk saritx trattazzjoni jew le fuq dan il-punt. In-nuqqas ta' trattazzjoni bl-ebda mod mhija rinunzja ghall-eccezzjoni, u l-fatt li t-Tribunal laqa' l-eccezzjoni b'din ic-cirkostanza, zgur ma jammontax ghall-applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kuntest tal-artikolu 811:e tal-Kap 12.

Illi jidher, mir-riferenza fl-ahhar nett tat-tieni faccata tar-rikors odjern li r-rikorrent qed jitlob ukoll ir-ritrattazzjoni a bazi tal-artikolu 811:c tal-Kap 12, li jipprovdi ghat-thassir tas-sentenza, "*jekk wahda mill-partijiet fil-kawza, ma tkunx persuna legittima....*" Tali talba hija kontradittorja, fid-dawl tat-tifsira li hu jaghti ghall-artikolu 181B, cioe' fejn donnu qieghed jekwepara lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, ma kap ta' dipartiment, u fid-dawl ukoll tal-insistenza tieghu li kien l-imsemmi Segretarju Permanenti li wettaq l-allegata ingustizzja. Huwa evidenti, minn dawn iz-zewg fatturi, li r-rikorrent qed jinsisti li l-imsemmi Segretarju Permanenti huwa il-legittimu kontradittur. Ghalhekk, huwa kontro-sens li sussegwentament, isemmi l-artikolu 811:c bhala bazi ghat-thassir tas-sentenza, meta l-istess artikolu jitkellem dwar meta parti "ma tkunx persuna legittima."

Illi anke kieku, jigi accettat li r-rikorrent qed issa jibbaza fuq il-legittimata' tal-intimat, it-talba ghat-thassir a bazi ta' hekk, ma tistax tintlaqa', ghaliex skond l-istess artikolu, dan huwa biss possibli "kemm il-darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimita", haga li fil-fatt saret.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet esposti, ir-ritrattazzjoni intenta minn John P. Lanzon, ghandha tigi michuda bl-ispejjez.”

Ra l-atti l-ohrajn, komprizi dawk tar-rikors numru 611/97 fl-istess ismijiet premessi deciz mit-Tribunal fl-4 ta’ April 2001, u sama’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati.

Jikkonsidra illi:-

**Dwar l-eccezzjoni preliminari - garanzija ghall-ispejjez**

1. L-intimat eccepixxa preliminarjament li t-talba ghar-ritrattazzjoni ghandha tigi dikjarata dezerta billi mar-rikors tieghu ir-rikorrent ma tax garanzija ghall-ispejjez tar-ritrattazzjoni.

2. F’dan ir-rigward jinghad illi t-talba lil dan it-Tribunal ghar-ritrattazzjoni ghandha ssir b’citazzjoni. Di fatti, kif iddecieda dan it-Tribunal, id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12), komprizi dawk relattivi ghar-ritrattazzjoni, li ghandhom x’jaqsmu mal-prattika u procedura quddiem il-Qorti Civili huma, bl-artikolu 15 ta’ l-Att VIII ta’ l-1997, applikabbli ghall-prattika u procedura quddiem dan it-Tribunal. L-artikolu 815 ta’ l-imsemmi Kap 12 ighid: “Fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri it-talba ghar-ritrattazzjoni, f’qorti ta’ l-ewwel grad ghandha ssir b’citazzjoni u quddiem qorti fi grad ta’ appell, b’rikors .....” Jigifieri skond dan l-artikolu, quddiem il-Qorti Civili, li hija qorti superjuri ta’ l-ewwel grad, ir-ritrattazzjoni ghandha tintalab permezz ta’ citazzjoni. Applikata din ir-regola fit-termini ta’ l-artikolu 15 ta’ l-Att imsemmi, ir-ritrattazzjoni quddiem dan it-Tribunal ghandha ssir ukoll permezz ta’ citazzjoni. (Ara Dr Emanuel George Cefai vs Onorevoli Prim Ministru et (Rik 1263/01 VCC) deciza 31/7/2001).

3. La darba, kif intqal, it-talba ghar-ritrattazzjoni quddiem dan it-Tribunal ghandha ssir b’citazzjoni, mhuwiex mehtieg li din it-talba tigi akkompanjata mill-garanzija in kwistjoni (artikolu 815 Kap 12), u dan anki

minkejja li fil-fatt ir-rikorrent ipproceda b'rikors. Ghalhekk l-eccezzjoni in kwistjoni mhix sostenibbli.

4. Ghal kull buon fini jigi osservat li l-fatt li r-rikorrent introduca t-talba tieghu b'rikors minflok b'citazzjoni jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-forma mehtiega bil-ligi. B'danakollu din il-vjolazzjoni ma giebet lill-intimat ebda pregudizzju li ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat (artikolu 789(1)(c) Kap 12). Dan kif gie ritenut ukoll fid-decizzjoni hawn fuq citata ta' dan it-Tribunal.

**Dwar il-meritu tat-talba**

5. Bid-decizjoni originali tieghu, ta' l-4 ta' April 2001, it-Tribunal laqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat, li kienet li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur fil-kawza. Fir-rikors odjern ir-rikorrent jilmenta li dik id-decizzjoni ssorprendietu ghaliex l-eccezzjoni in kwistjoni ma kinitx giet trattata quddiem it-Tribunal. Dan l-ilment pero' ma jistax jigi validament konsidrat fil-prezenti gudizzju billi mhuwiex wahda mir-ragunijiet li ghalihom tista' skond il-ligi tigi mitluba r-ritrattazzjoni (artikolu 811 Kap 12).

6. Ilment iehor tar-rikorrent huwa li fid-decizzjoni originali msemmija saret applikazzjoni hazina tal-ligi ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-rapprezentanza guridika tal-Gvern, b'mod li b'dik id-decizzjoni gie dikjarat li l-intimat ma kienx il-legittimu kontradittur. Id-dispozizzjoniet applikabbli f'dan ir-rigward, citati fir-rikors, huma l-paragrafi (c) u (l) ta' l-artikolu 811 tal-Kapitolu 12.

7. L-artikolu 811 (c) jghid li kawza deciza tista' tigi ritrattata "jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima, kemm il-darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni ta' illegittimita'." Minn ezami ta' l-atti originali (Rik 611/97) jirrizulta li din l-eccezzjoni effettivament giet moghtija u deciza.

8. L-artikolu 811 (l) jghid li kawza deciza tista' tigi ritrattata "jekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-

decizzjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozitivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza". Fil-kaz prezenti il-punt dwar il-legittimita' ta' l-intimat bhala kontradittur fil-kawza, deciz bis-sentenza originali, kien bla dubju kontestat, tant li kien l-oggett ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimat.

9. Ghalhekk ir-rikors mhuwiex bazat fuq motivi validi fil-ligi biex jigi ritrattat ir-rikors originali.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni preliminari, u jichad it-talbiet tar-rikorrent, li ghandu jhallas l-ispejjez kollha, komprizi, stante c-cirkostanzi, dawk rigwardanti l-eccezzjoni preliminari.

--------------------------------TMIEM--------------------------------